**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Mejju 2022**

Rikors Numru: 83/22 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 1675/1987)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet żżewġu nhar it-tlieta (3) t'Ottubru tas-sena elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987) gewwa Birkirkara liema żwieg kien registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta taht in-numru progressiv

1675/1987. Kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ tinsab annessa u mmarkata bhala Dok A;

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz tal-kuntratt ta' firda personali ppubblika min-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) wara li gie debitament awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet tal-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018). Kopja tad-dokumenti kollha msemmija qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala Dok B;

3. Illi l-partijiet ilhom jirrisjedu b'mod separat 'l fuq minn sena minn l-aħħar sentejn kif jirrikjedi l Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi l-partijiet kienu rrinunzaw mid-dritt rispettiv tagħhom li jitolbu manteniment mingħand il-parti l-oħra u għalhekk m'hemmx pendenzi ta' manteniment dovuti;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni stante illi l-partijiet jghixu hajja kompletament separata minn xulxin tant illi m'hemm l-ebda kuntatt bejn il-partijiet;

6. Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skont kif tirrikjedi l-Liġi u kwindi mhemm l-ebda impediment għall-ħall taż-żwieġ tal-partijiet b'mod definitiv;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet skont l-artikolu 66D tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli għal daqshekk, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieg tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

U dana taħt dawk il-provvedimenti li din l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkostanzi odjerni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Marzu 2022;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Marzu 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.